## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR GABRIEL KITCHER) V. JEHIEL FALZON (KI. 425493M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**18 ta' Marzu 2025**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjoni maħruġa kontra Jehiel Falzon ta' 31 sena, iben Victor Falzon u Grace Falzon nee' Lammit, imwieled nhar il-11 ta' Settembru 1993 ġewwa tal-Pieta' Malta, residenti ġewwa l-fond 10, Trig Biċċieni, Sqaq Numru 3, Żabbar u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0425493M (hawn imsejjaħ "l-imputat") li tressaq taħt arrest quddiemha fis-seduta tal-lum 18 ta' Marzu 2025 mixli fis-16 ta' Marzu 2025, għall-ħabta tat-tmienja u nofs (20.30 HRS) ta' filgħaxija u/jew f'ħinijiet oħra, ġewwa Triq il-Kunvent, Ħaż-Żabbar u/jew fil-viċinanzi:

1. **Xjentement naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Imħallef Dr. Neville Camilleri LL.D. fis-26 ta' April 2024 fejn fid-digriet tiegħu tah il-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet, fosthom li jirtira ġewwa d-dar fejn joqgħod mhux iżjed tard mis-sitta ta' filgħaxija (1800 HRS) u ma joħroġx minn hemm qabel is-sebgħa (0700 HRS) tal-għada filgħodu, u dan bi ksur tal-Artikolu 579(1) u (2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

wara li rat li hija ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, tordna r-revoka tal-ħelsien mill-arrest mogħti permezz tad-digriet fuq imsemmi, u tordna l-arrest mill-ġdid tal-imputat;

wara li rat li fis-seduta tal-lum 18 ta' Marzu 2025, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk jixtieqx iwieġeb dwar il-ħtija *o meno* tiegħu, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih,

wara li rat illi l-Qorti ppostponiet il-kawża għal ftit minuti sabiex l-imputat jikkonsulta l-avukat tiegħu u jerġa jaħsibha,

wara rat li meta reġgħet issejħet il-kawża  l-imputat reġa wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu,

wara li semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena,

wara li rat l-atti kollha proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

**Il-Qorti tqis illi l-imputat kiser b'mod sfaċċat il-kundizzjoni ta' rinkażar relatat mal-ħelsien mill-arrest tiegħu. Fiċ-ċirkustanzi il-Qorti ser tagħżel illi ma tirrevokax id-digriet imsemmi għalkemm ser timponi multa u ser tordna l-konfiska ta' parti mill-ammont depożitat.**

**Fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija l-Qorti wara li rat l-artikolu rilevanti tal-liġi u ċioe l-579 tal-Kap. 9 issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġuba kontrih u timmultah is-somma ta' mitt euro (€100). Il-Qorti qed tordna ukoll li tiġi kkonfiskata favur il-Gvern ta' Malta s-somma ta' ħames mitt euro (€ 500) depożitata bħala parti mill-garanzija imposta permezz tad-digriet tal-Qorti Kriminali presjeduta mill- Imħallef Dr. Neville Camilleri LL.D fis-26 ta' April 2024.**

V.G. Axiak — Y. M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur